# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa, 28 ta' Frar, 2020.**

**Numru 2**

**Ċitazzjoni numru 387/05 JPG**

**Anthony Bianchi u martu Joan *sive* Jane Bianchi**

**v.**

**Angela Borg, Lawrence Borg u n-Nutar Dottor Joseph Lia**

**Il-Qorti:**

1. Dan huwa appell imressaq mill-atturi flimkien ma' appell inċidentali mressaq mill-intimati minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ottubru, 2014, (minn issa 'l hemm imsejħa "s-sentenza appellata") li biha u għar-raġunijiet hemm imsemmija, qatgħet il-kawża b'dan il-mod: "*tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti limitatament ghall-fatt illi huma qatt ma ffalsifikaw it-testment ta' Maria Fiteni datat 7 ta' Frar*

*2002 fl-atti tal-konvenut Nutar Dottor Joseph Lia ; tilqa' t-tieni eccezzjoni billi ma jikkonkorrux l-elementi rikjesti fil-Ligi fl-***Artikolu 605** *tal-***Kap. 16** *tal-***Ligijiet ta' Malta** *u gialadarba jirrizulta illi t-testment tas-7 ta' Frar 2002 kien wiehed validu, tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tielet eccezzjoni fis-sens illi l-atturi bl-agir taghhom stess irratifikaw kwalunkwe nullita` allegata minnhom stess fl-istess testment; Tilqa' l-ewwel talba attrici billi tiddikjara illi l-Prokura Specjali datata 23 ta' Frar 2003 u allegatament maghmula minn Maria Fiteni, hija dokument falsifikat u konsegwentement tiddikjara l-istess Prokura bhala nulla ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-Ligi ; In vista tal-konkluzjonijiet teknici tal-Periti Perizjuri, u in vista tal-fatt illi jidher konsegwentement illi kien hemm negligenza professjonali da parti tal-konvenut Nutar Lia meta ccertifika dokument bhala wiehed li gie ffirmat quddiemu meta dan kjarament ma setax kien il-kaz, Tilqa' t-tieni talba attrici* ***in parte*** *u tiddikjara illi l-konvenuti n-Nutar Dottor Joseph Lia u Angela Borg, kif spjegat aktar 'l fuq f'din is-sentenza, huma responsabbli ghar-redazzjoni ta' tali dokument falsifikat; In kwantu ghall-konvenut Lawrence Borg ma giex ipprovat illi dan kien b'xi mod involut f'dan ir-rigward u kwindi tillibera lill-istess konvenut mill-osservanza tal-gudizzju fl-istess rigward; Tichad it-tielet talba attrici stante illi jirrizulta illi l-firma ta' Maria Fiteni fuq it-testment tas-7 ta' Frar 2002 hija genwina ; Konsegwentament tichad ir-raba' talba attrici, stante illi gialadarba ma tirrizulta l-ebda falsifikazzjoni fit-testment tas-7 ta' Frar 2002, ma hemm ebda responsabilita` attribwibbli; Konsegwentement tichad il-hames*

*talba attrici peress illi gialadarba ma tirrizulta l-ebda falsifikazzjoni fit-testment tas-7 ta' Frar 2002, ma tikkonkorri ebda cirkostanza rikjesta mil-Ligi sabiex jigu applikati l-effetti ta' l-***Artikolu 605** *tal-***Kap. 16** *tal-***Ligijiet ta' Malta***; Konsegwentement tichad is-sitt talba attrici stante illi ma jirrizultax illi hemm xi proprjeta` fil-pussess tal-konvenuti Angela Borg u Lawrence Borg illi tappartjeni lill-atturi bhala l-eredi universali ta' Maria Fiteni; Tichad is-seba' talba attrici peress illi ma jirrizultax illi l-atturi soffrew xi danni in vista ta' l-agir tal-konvenuti jew min minnhom; Konsegwentement tichad it-tmien talba' attrici peress illi ma hemm ebda danni li ghandhom jigu likwidati. Il-Qorti taghraf li jkun ghaqli fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, illi l-ispejjez tal-kawza jigu divizi in kwantu ghall-terz ghall-atturi u in kwantu ghar-rimanenti zewg terzi, dawn ghandhom jigu divizi bejn il-konvenuti Angela Borg u l-konvenut in-Nutar Dr. Joseph Lia.*";

2. Dik il-Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha wara li għamlet il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:

> "*Permezz tat-testment taghha tas-7 ta' Frar 2002 fl-Atti tal-konvenut Nutar Dottor Joseph Lia, Maria Fiteni, filwaqt illi nnominat lill-atturi bhala eredi universali taghha:-*
>
> *"i. halliet b'titolu ta' legat favur il-konvenuti Angela Borg u Lawrence Borg id-dritt ta' l-uzu, abitazzjoni u uzufrutt tad-dar 4, Manhattan, Triq Bormla, Zabbar, flimkien ma' l-effetti mobbli kollha ta' go fiha, liema uzufrutt kellu jispicca mal-mewt ta' l-ahhar wiehed jew wahda fost l-istess konvenuti; u wkoll*

*"ii. halliet b'titolu ta' legat favur il-konvenuta Angela Borg, il-flus kontanti kollha illi fid-data tal-mewt tat-testatrici setghu jkunu jinsabu fid-dar ta' residenza taghha 4, Manhattan, Triq Bormla, Zabbar.*

*"L-atturi qieghdin jikkontestaw il-validita` ta'* ***dan it-testment*** *billi jinsistu illi l-firem ta' Maria Fiteni fuq l-istess dokument huma foloz. Jattribwixxu r-responsabilita` ghal tali allegata falsifikazzjoni lill-konvenuti jew min minnhom.*

*"Illi din il-Qorti fliet bir-reqqa ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku Martin Bajada ghal dak li jirrigwarda firem fuq it-testment tas-7 ta' Frar 2002 u kif ukoll ir-relazzjoni addizzjonali tal-Periti Perizjuri u taqbel mar-rezultanzi minnhom raggunti, tabracchom u taghmilhom taghha.*

*"Illi di piu' din il-Qorti fliet bir-reqqa ix-xhieda kollha tal-kaz, b'mod specjali ghat-testimonjanza ta' Shirley Ann Sciberras u Teresa Cutajar li kienu xhieda fuq dan it-testment. Il-Qorti di piu' rat u ezaminat il-konkluzjoni tal-Perit Legali u tasal ghall-istess konkluzjoni u cioe' illi mill-preponderanza tal-provi jidher illi l-firem ta' Maria Fiteni fuq it-testment datat 7 ta' Frar 2002 huma genwini. Ghaldaqstant dan it-testment ghandu jitqies bhala validu skond il-Ligi.*

*"L-atturi jikkontestaw ukoll il-firma ta' Fiteni fuq il-Prokura Specjali datata 23 ta' Frar 2003 u prima facie ffirmata quddiem il-konvenut Nutar Dottor Joseph Lia, li biha Maria Fiteni allegatament awtorizzat lill-konvenuta Angela Borg sabiex tizbanka u ssarraf l-interessi fuq il-kontijiet bankarji kollha intestati f'isimha; sabiex issarraf ic-cekkijiet tal-pensjoni u tal-beneficcji socjali illi jinhargu f'isimha; u sabiex tizbanka jew issarraf il-flus kollha depozitati fil-kontijiet bankarji tat-tip Savings f'isem l-istess Maria Fiteni.*

*"Ghar-rigward tal-kwistjoni tal-genwinita` o meno tal-firma ta' Maria Fiteni fuq din il-prokura specjali din il-Qorti tqis, wara ezami akkurat tal-firem rilevanti u l-konkluzjoni tal-Periti Teknici u taghraf illi l-konkluzjoni tal-Periti Perizjuri fir-rapport taghhom datat 22 ta'Marzu 2013 huwa dak illi din il-Qorti qedgha takkolja, tadottah u taghmlu taghha.*

*"Ghalkemm din il-Qorti tapprezza il-konsiderazzjonijiet ta' natura prattika li waslet ghalihom il-Perit Legali Dr. Ramona Frendo minn fol. 269 sat-tieni paragrafu ta' fol. 270, din il-Qorti hi tal-fehma illi materja ta' perizja teknika, din il-Qorti ghandha toqghod fuq l-insenjament ta' dawn il-Qrati meta stabbilew:*

> *"kif pacifikament assodat f'bosta decizjonijiet il-konkluzjonijiet peritali huma bhal materjali istruttorji ohrajn kontrolabbli mill-gudikant, tant li kif jinghad fl-Artikoli 681, Kapitolu 12, il-Qorti mhux marbuta li taccetta dawn il-konkluzjonijiet kontra l-konvinzjoni taghha nfisha . Gie deciz, izda, illi* ***"dan ma jfissirx pero' illi l-Qorti tista' taghmlu b'mod legger jew kappriccjuz. Il-konvinzjoni kuntrarja taghha kellha tkun ben fid-dubbju dik l-opinjoni teknika lilha sottomessa b'ragunjiet li ma ghandhomx ikunu privi mill-konsiderazzjonijiet ta' l-aspett tekniku***

> ***tal-materja taht ezami" ("Philip Grima -vs-Carmelo Mamo et nomine",** Appell 29 ta' Mejju 1998). **"Jigifieri l-Qorti ma tistax tinjora r-relazzjoni peritali sakemm ma tkunx konvinta li l-konkluzjoni ta' tali relazzjoni ma kienitx gusta u koretta. Din il-konvinzjoni pero' kellha tkun wahda motivata minn gudizzju ben informat, anke fejn mehtieg mil-lat tekniku." ("Anthony Cauchi -vs- Carmel sive Charles Mercieca."** Appell 6 t'Ottubru 1999; **"John Saliba –vs- Joseph Farrugia",** Appell, 19 ta' Novembru 2001);"*

*"Din il-Qorti ma sabet ebda raguni impellanti li tikkonvinci lil din il-Qorti titbieghed mir-rizultanzi raggunti mill-Periti Perizjuri.*

*"Din il-Qorti taghraf pero illi ghalkemm il-Periti Perizjuri kkonkludew illi l-firem f'isem Maria Fiteni illi jidhru fil-prokura specjali kienu foloz u ma setghux saru mill-istess Fiteni, din il-Qorti hi tal-fehma illi minkejja s-suspetti u kongenturi li jistghu jfeccu hija ma tistghax tiddentifika, fuq bilanc ta' probabilita', l-persuna li fattwalment iffalsifikat tali firma.*

*"Kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et,** deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili **fit-28 t'April 2004** per Onor. Mhallef Noel Cuschieri:*

> *"Huwa l-attur illi jrid jipprova l-fatti minnu premessi u allegati fic-Citazzjoni. Mill-banda l-ohra pero` l-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili, b'differenza minn kawzi kriminali fejn il-Ligi tesigi illi l-prova tal-htija ghandha tirrizulta minghajr dubju ragjonevoli, fil-kamp civili huwa bizzejjed illi jkun hemm certezza morali f'mohh il-gudikant. Din ic-certezza morali rikjesta f'kawzi civili hija l-effett tal-bilanc tal-probabbiltajiet."*

*"Madanakollu l-**Qorti ma tistghax twarrab il-fatt ewlieni** illi din il-Prokura Specjali saret favur il-konvenuta Angela Borg, kienet biss l-istess konvenuta illi seta' kellha interess illi tiffalsifika dan id-dokument, u ghalkemm jirrizulta li l-konvenuta Borg hija illitterata, l-Qorti ghandha konvinciment morali illi kienet Angela Borg, l-mohh wara tali falsifikazzjoni.*

*"Jifdal imbaghad il-kwistjoni ta' responsabilita` o meno tal-konvenut Nutar Dottor Joseph Lia ghall-falsifikazzjoni tal-firma ta' Maria Fiteni fuq l-istess Prokura. **Ghalkemm bl-ebda mod ma jista' jintefa rifless illi l-konvenut Nutar Dottor Lia kien il-persuna illi attwalment iffalsifikat il-firma, jew kien b'xi mod involut jew konoxxenti tal-qerq prattikat,** gie nnotat illi l-istess konvenut iffirma bhala xhud tal-firem fuq l-istess dokument. Dana huwa kjarament evidenti mhux biss mid-dokument innifsu, izda wkoll mix-xhieda ta' l-istess konvenut illi ddikjara illi rrediga l-Prokura Specjali tat-23 ta' Frar 2003, u insista illi kull dokument redatt minnu fuq l-inkarigu ta' Maria Fiteni, gie ffirmat quddiemu (vide fol. 334 et seq. u 359 et seq.)*

*"Illi din il-Qorti hi tal-fehma illi gialadarba l-firma de quo giet dikjarata bhala falza mill-Perit Tekniku u l-Perit Perizjuri, l-konvenut Nutar Dottor*

*Lia kien responsabbli ta' negligenza professjonali,* ***in kwantu biss*** *huwa deher bhala xhud ta' firma illi ma setghetx saret quddiemu u/jew kjarament ma kienx accerta ruhu illi din kienet firma genwina.*

*"Gialadarba giet stabbilita l-falsifikazzjoni tal-firma ta' Maria Fiteni fuq il-Prokura Specjali tat-23 ta' Frar 2003, il-Qorti ghandha tezamina l-effett illi tali falsifikazzjoni seta' kellha, u jekk attwalment l-atturi soffrewx id-danni minnhom allegati in vista ta' tali falsifikazzjoni.*

*"Ghalkemm kellha l-fakolta` illi taghmel dan ai termini ta' l-imsemmija Prokura Specjali, mill-provi prodotti ma jirrizultax illi l-konvenuta Angela Borg qatt sarrfet xi cekkijiet tal-pensjoni jew tal-beneficcji socjali f'isem Maria Fiteni permezz ta' tali prokura. Effettivament il-provi prodotti mill-atturi f'dawn il-proceduri jirreferu esklussivament ghat-transazzjonijiet illi saru bejn is-sena 2000 u s-sena 2003 riferibbilment ghall-kontijiet bankarji illi Maria Fiteni kellha ma' HSBC Bank (Malta) p.l.c. It-transazzjonijiet rizultanti f'dan is-sens huma s-segwenti :*

*"1. Zbank tal-kont bankarju tat-tip Savings illi Maria Fiteni kellha ma' HSBC Bank (Malta) p.l.c. bin-numru 425030671 (Dok. EM12) – dan sar fil-21 ta' Jannar 2000 fejn giet zbankata s-somma ta' sitt elef erba' mija u tlieta u sebghin Lira Maltija u hamsa u erbghin centezmu (Lm 6,473.45)*

*"2. Transazzjonijiet in konnessjoni ma' l-interessi akkrexxenti fuq il-kont bankarju tat-tip Fixed illi Maria Fiteni kellha ma' HSBC Bank (Malta) p.l.c. bin-numru 042-008078-100 illi saru kif gej: -*

*"i. Nhar l-4 ta' Dicembru 2000 issarraf cekk fl-ammont ta' mija u tnejn u disghin Lira Maltija u tlieta u disghin centezmu (Lm 192.93), rapprezentanti l-interessi ghas-sena 2000 (Dok. EM9);*

*"ii. Fit-2 ta' Novembru 2001 issarraf cekk fl-ammont ta' mija u tnejn u disghin Lira Maltija u erbghin centezmu, in konnessjoni ma' l-interessi ghas-sena 2001 (Dok. EM10);*

*"iii. Nhar il-31 ta' Ottubru 2002 issarraf cekk fl-ammont ta' mija u tnejn u tmenin Lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm 182.78), rapprezentanti l-interessi ghas-sena 2002 (Dok. EM11);*

*"3. Transazzjonijiet in konnessjoni ma' l-interessi akkrexxenti fuq il-kont bankarju tat-tip Fixed illi Maria Fiteni kellha ma' HSBC Bank (Malta) p.l.c. bin-numru 042-008078-101. Dawn saru: -*

*"i. Nhar is-16 ta' Awissu 2000 fejn issarraf cekk fl-ammont ta' erba' mija u tlieta u ghoxrin Lira Maltija u hamsa u hamsin centezmu (Lm 423.55) in konnessjoni ma' l-interessi ghas-sena 2000 (Dok. EM3);*

*"ii. Nhar it-8 ta' Awissu 2001 fejn issarraf cekk fl-ammont ta' erba' mija u zewg Liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm 402.27), rapprezentanti l-interessi ghas-sena 2001 (Dok. EM4);*

*"iii. Nhar it-30 ta' Lulju 2002 issarraf cekk fl-ammont ta' erba' mija u zewg Liri Maltin u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm 402.27), rapprezentanti l-interessi ghas-sena 2002 (Dok. EM5);*

*"4. Transazzjonijiet in konnessjoni ma' l-interessi akkrexxenti fuq il-kont bankarju tat-tip Fixed illi Maria Fiteni kellha ma' HSBC Bank (Malta) p.l.c. bin-numru 042-008078-102. Dawn saru: -*

*"i. Nhar is-16 ta' Awissu 2000 meta ssarraf cekk fl-ammont ta' elf u sebgha u erbghin Lira Maltija u sitta u disghin centezmu (Lm 1,047.96) rapprezentanti l-interessi ghas-sena 2000 (Dok. EM6);*

*"ii. Fit-8 ta' Awissu 2001 issarraf cekk fl-ammont ta' disa' mija u hamsa u disghin Lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm 995.33), in konnessjoni ma' l-interessi ghas-sena 2001 (Dok. EM7);*

*"iii. Nhar it-22 ta' Awissu 2002 issarraf cekk fl-ammont ta' disgha mija u hamsa u disghin Lira Maltija u tlieta u tletin centezmu (Lm 995.33), rapprezentanti l-interessi dovuti ghas-sena 2002 (Dok. EM8)*

*"5. Nhar l-24 ta' Marzu 2003 giet zbankata s-somma ta' tlett elef mitejn u dsatax-il Lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm 3,219.78) mill-kont bankarju tat-tip Savings illi Maria Fiteni kellha ma' HSBC Bank (Malta) p.l.c. bin-numru 042-008078-050 (Dok. AGCA1).*

*"Il-Qorti taghmel accenn ghall-fatt illi t-tranzazzjonijiet illi* ***saru qabel it-23 ta' Frar 2003*** *[cioe' dawk kollha indikati fil-paragrafi (1) sa (4) precedenti ghal dan],* ***ma setghux saru permezz tal-Prokura Specjali illi qieghda tigi kontestata mill-atturi****, u ghalhekk minkejja l-provi prodotti mill-atturi, l-Qorti ma tistax tikkonkludi jekk tali transazzjonijiet kienux verament awtorizzati minn Maria Fiteni jew le, ghaliex dan huwa extra petita ghall-premessi u t-talbiet attrici.*

*"Ghalhekk l-Qorti sejra necessarjament tillimita l-kunsiderazzjonijiet taghha* ***ghall-unika transazzjoni*** *illi sehhet wara d-data tal-prokura specjali u cioe' wara it-23 ta' Frar 2003, u cioe' dik fin-numru (5) aktar 'il fuq, fejn il-konvenuta Angela Borg zbankat is-somma ta' tlett elef mitejn u dsatax-il Lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm 3,219.78).*

*"Jibda biex jinghad illi x-xhud Audrey Ghigo, rapprezentant ta' l-HSBC Bank (Malta) plc kienet vaga fix-xhieda taghha u ma kienitx f'pozizzjoni illi tidentifika jekk ghal din it-transazzjoni ntuzatx il-Prokura Generali ta' l-20 ta' Jannar 2000 (Dok. AG1) jew il-Prokura Specjali tat-23 ta' Frar 2003 (Dok.A) – vide xhieda a fol. 314 u 315. B'danakollu il-Qorti ezaminat n-notamenti tal-Bank fuq il-Closing Request Form relattiv ghal*

*dan l-izbank (Dok. AGCA1) u dawn jindikaw illi kien hemm Prokura Generali mahruga minn Maria Fiteni favur il-konvenuta Angela Borg vide Dok AGCA1. Ghalhekk jidher illi l-Bank irrilaxxa dawn il-flus* ***abbazi tal-Prokura Generali****.*

*"Eppure l-konvenuta Angela Borg tinsisti illi hija ma wzatx il-Prokura Generali (****Dok. AG1****) ghall-izbank, izda Prokura Specjali illi saret ghal din it-transazzjoni biss ftit qabel – vide xhieda fol. 357 - 358 (cioe' il-Prokura Specjali tat-23 ta' Frar 2003).*

*"Jirrizulta mix-xhieda ta' Stephen Aquilina u Peter Gatt, Branch Managers fi hdan l-HSBC Bank (Malta) plc, illi meta tigi pprezentata Prokura Generali, din tigi imdahhla fis-sistema kompjuterizzata tal-Bank* ***sabiex tkun tista' tintuza minn kull fergha minghajr ma ssir referenza ghad-dokument innifsu f'kull cirkostanza****. B'hekk jidher illi dak illi ghalkemm Angela Borg ipprezentat il-Prokura Specjali (Dok. A) sabiex teffettwa din it-transazzjoni in ezami, l-iskrivan, wara verifika fuq is-sistema komputerizzata li uriet Prokura Generali favur taghha* ***l-istess skrivan indika illi t-transazzjoni kienet qieghda ssehh abbazi tal-Prokura Generali.***

*"Ciononostante jirrizulta kjarament illi l-konvenuta Angela Borg fil-fatt ipprezentat il-Prokura Specjali (****Dok. A****) lill-Bank,* ***tant illi l-istess Bank ghandu kopja ta' din il-Prokura (esebita minn Dottor Eric Mamo bhala Dok. EM2).*** *Jidher ukoll illi bejn it-23 ta' Frar 2003 meta saret din il-Prokura sas-7 ta' April 2003 meta mietet Mary Fiteni, effettivament, ebda transazzjoni ohra ma tirrizulta.*

*"Ghalhekk il-Qorti tghaddi biex tezamina l-effett illi l-Prokura Specjali falsifikata (Dok. A) fuq l-izbank ta' l-ammont ta' tlett elef mitejn u dsatax-il Lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm 3,219.78).*

*"Il-konvenuta Angela Borg xehdet a fol. 312 illi kienet Maria Fiteni illi talbitha taghmel dan l-izbank sabiex tixtrilha sodda specjali. Tghid illi wara illi zbankat din is-somma, hija ghaddiet il-flus lil Maria Fiteni quddiem Teresa Cutajar, u li s-sodda specjali baqghet qatt ma nxtrat peress illi Fiteni mietet hmistax wara.*

*"Dan gie korroborat mix-xhieda ta' Teresa sive Tessie Cutajar a fol. 319, illi xehdet illi hija kienet qaghdet ma' Maria Fiteni sakemm il-konvenuta marret taghmel it-transazzjoni ta' l-24 ta' Marzu 2003. Cutajar qalet illi hija ma kienitx taf kemm kienu gew zbankati flus dakinhar, pero` kkonfermat illi l-konvenuta Angela Borg zbankat il-flus ghaliex Fiteni xtaqet tixtri sodda, u illi meta giet lura mill-Bank, l-istess konvenuta ghaddiet il-flus illi gabet maghha lil Fiteni, u dana dejjem fil-prezenza taghha (Cutajar).*

*"Din il-Qorti tqis illi m 'ghandhiex tiddubita mill-kredibilita` ta' Teresa Cutajar f'dan ir-rigward.*

*"B'hekk isegwi illi* ***anke jekk*** *l-prokura illi ntuzat kienet dik tat-23 ta' Frar 2003 (Dok. A) bil-firma falsifikata, jirrizulta illi din is-somma flus kienet rikjesta minn Fiteni, kienet tqieghdet f'idejn l-istess Fiteni u fid-data tal-mewt ta' taghha, din is-somma ta' tlett elef mitejn u dsatax-il Lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm 3,219.78) kienet tinsab fid-dar 4, Manhattan, Triq Bormla, Zabbar.*

*"Ghalhekk, b'applikazzjoni tal-provvedimenti tat-testment tas-7 ta' Frar 2002 maghmul minn Fiteni, tali flus kontanti illi kienu jinstabu fid-dar ta' l-istess Fiteni, kellhom ighaddu lill-konvenuta Angela Borg b'titlou ta' legat.*

*"Ghalhekk, u mifhum illi fuq bilanc ta' probabilita' illi t-transazzjoni tal-izbank saret abbazi ta' Prokura Generali (Dok. AGCA1***)***, il-Qorti tqis illi lanqas ma tista' tintlaqa' t-talba ta' l-atturi sabiex il-konvenuta Angela Borg trodd lura lilhom is-somma ta' tlett elef mitejn u dsatax-il Lira Maltija u tmienja u sebghin centezmu (Lm 3,219.78).*

*"Ghar-rigward tal-hames talba tal-atturi, u cioe' li l-konvenuti Angela Borg u Lawrence Borg iffalsifikaw it-testment tas-7 ta' Frar 2002, u ghalhekk ghandhom ai termini ta' l-***Artikolu 605** *tal-***Kap. 16** *tal-***Ligijiet ta' Malta** *jigu dikjarati bhala mhux dejni u mhux kapaci illi jircievu b'testment minghand Maria Fiteni, u dan jghodd ukoll ghal kull testment u dispozizzjoni precedenti ta' Maria Fiteni, il-Qorti taghraf illi diga` gie stabbilit, li l-firma ta' Maria Fiteni fit-testment tas-7 ta' Frar 2002 hija genwina.*

*"Din il-Qorti sejra tghaddi biex tanalizza kemm–il darba l-effetti ta' l-***Artikolu 605** *ghandhomx jigu komminati fil-konfront tal-konvenuta Angela Borg in vista tal-fabbrikazzjoni tal-firma tat-testatrici fil-Prokura Specjali tat-23 ta' Frar 2003(Dok.A).*

*"Huwa stabbilit illi Fiteni mietet nhar is-7 ta' April 2003. Il-Qorti rat l-***Artikolu 605 kif kien** *qabel ma dahlu fis-sehh l-emendi fil-***Kodici Civili** *permezz ta' l-***Att XVIII tas-sena 2004***, u cioe' :*

*"Kull min :-*

*(a) volontarjament joqtol jew ikun ittanta joqtol lit-testatur ; jew*

*(b) ikun akkuza lit-testatur quddiem awtorita` kompetenti ta' delitt illi jgib il-piena ta' prigunerija, u illi huwa kien jaf illi t-testatur ma kienx hati tieghu ; jew*

*(c) ikun gieghel, jew bil-qerq gieghel lit-testatur sabiex jaghmel testment, jew sabiex jaghmel jew ibiddel dispozizzjoni testamentarja ; jew*

*(d) ma jkunx halla lit-testatur jaghmel testment gdid, jew ihassar it-testment illi kien diga` ghamel, inkella qered, iffalsifika, jew bil-qerq heba t-testment ;*

*jitqies bhala mhux denn u bhala tali ma jkunx kapaci sabiex jircievi b'testment".*

*"L-Qorti tqis illi l-ebda wiehed mis-subartikoli fuq citati ma japplika ghall-kaz ta' falsifikazzjoni ta' Prokura (jew dokument iehor estraneu ghal testment), u ghalhekk l-effetti ta' l-**Artikolu 605** tal-**Kap. 16**. tal-**Ligijiet ta' Malta** ma jistghux isibu applikazzjoni f'dan il-kaz.*

*"Ghalhekk ma kien hemm l-ebda danni x'jigu likwidati favur l-atturi*";

3. Bir-Rikors tal-Appell imressaq minnhom fit-3 ta' Novembru, 2014, l-atturi (minn issa 'l hemm imsejħin "l-appellanti") qalu li ħassewhom aggravati mis-sentenza appellata u għar-raġunijiet hemm imsemmija talbu li din il-Qorti jogħġobha tvarjaha u tbiddilha billi tilqa' s-seba' u t-tmien talbiet tagħhom filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-intimati appellati dwar l-imsemmija talbiet, bl-ispejjeż għall-istess appellati, u tikkonfermaha fil-bqija;

4. B'Risposta mressqa fil-21 ta' Novembru, 2014, l-intimati appellati wieġbu għall-appell billi qalu li safejn laqgħet l-ewwel żewġ eċċezzjonijiet tagħhom u ċaħdet it-tielet, ir-raba', l-ħames, is-sitt u t-tmien talbiet attriċi, s-sentenza appellata kienet tajba u jistħoqqilha tkun konfermata, u li l-appell tal-atturi appellanti imissu ma jintlaqax. Madankollu, ħassewhom aggravati fejn is-sentenza appellata laqgħet l-ewwel talba u t-tieni talba f'biċċa minnha u għalhekk ressqu l-appell inċidentali tagħhom;

5. Bis-saħħa tal-Appell Inċidentali tagħhom u għar-raġunijiet hemm imfissra, l-appellati talbu li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi

tiċħad l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi safejn sabet li l-appellati kienu responsabbli għar-redazzjoni b'mod falsifikat tal-prokura speċjali tat-23 ta' Frar 2003, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-atturi appellanti;

6. L-appellanti laqgħu għall-Appell Inċidentali b'Risposta mressqa minnhom fil-15 ta' Jannar, 2015, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra qalu li l-Qorti għandha tiċħdu;

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-appelli waqt is-smigħ tat-12 ta' Novembru, 2019;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża;

9. Rat li l-appelli tħallew għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

10. Illi bl-azzjoni tagħhom, l-appellanti riedu jilħqu żewġ għanijiet. Fl-ewwel lok, riedu li l-ewwel Qorti ssib li l-appellati kienu mdaħħla fil-ħruġ u t-tfassil ta' prokura speċjali falsifikata u li sar użu mill-istess prokura bi ħsara għall-persuna li suppost ħarġitha (l-ewwel u t-tieni talbiet attriċi) u kif ukoll fit-tfassil u l-pubblikazzjoni tal-aħħar testment ta'persuna (t-tielet u r-raba' talbiet attriċi). Fit-tieni lok, riedu li l-appellati (jew min minnhom)

jitilfu kull benefiċċju mħolli lilhom mill-aħħar testment tal-persuna li f'isimha nħarġet l-imsemmija prokura speċjali, u li jersqu għal-likwidazzjoni u l-ħlas tad-danni mġarrba minħabba l-użu tal-imsemmija prokura u t-tfassil tal-imsemmi testment (il-ħames sat-tmien talbiet attriċi);

11. Illi, fil-qosor ħafna, l-appellanti huma l-werrieta universali ta' Maria Fiteni (zit materna tal-appellanti Joan Bianchi) bis-saħħa ta' testment tagħha tas-7 ta' Frar, 2002, fl-atti tan-Nutar Joseph Lia (wieħed mill-appellati). Fiteni kienet tgħix waħedha f'dar f'Ħaż-Żabbar, u wara li kellha inċident u kienet waqgħet, l-appellati Angela Borg u ħuha Lawrence, bdew iduru biha. F'Jannar tal-2000, Fiteni kienet tat prokura ġenerali favur l-appellata Angela Borg[1]. Inħarġet prokura oħra – din id-darba fis-sura ta' prokura speċjali (minn issa 'l hemm imsejħa "il-Prokura") – favur l-istess appellata bid-data tat-23 ta' Frar, 2003[2], u awtentikata mill-appellat Nutar Lia. Fiteni mietet fis-7 ta' April, 2003. L-appellanti qiesu li kemm l-aħħar testment magħmul minn Fiteni u kif ukoll il-Prokura bħala dokumenti foloz għaliex il-firma tat-testatriċi u l-mandant (li suppost kienet Maria Fiteni) ma kinux tabilħaqq tagħha u lanqas jaqblu mal-firem tagħha fuq bosta dokumenti uffiċjali oħrajn;

12. Illi l-ewwel Qorti, wara li qieset b'reqqa l-provi, magħduda r-riżultanzi tal-periti ġudizzjarji minnha maħtura, waslet għall-fehma li

[1] Ara Dok "PAB1", f'paġġ. 966 – 8 tal-proċess
[2] Ara Dok "A", f'paġ. 9 tal-proċess

filwaqt li l-firma fuq il-Prokura ma kinitx ta' Maria Fiteni, ma setax jingħad l-istress dwar il-firma fit-testment. Għalhekk, sabet li l-appellati Angela Borg u n-Nutar Joe Lia kienu jaħtu talli ħadu sehem fir-redazzjoni tal-Prokura falza, imma ma sabitx l-istess ħaġa dwar it-testment u waslet għall-fehma li ma kien hemm l-ebda raġuni għalfejn kellha ssib li dak it-testment ma jiswiex. Qieset ukoll li l-appellanti ma seħħilhomx jippruvaw li ġarrbu danni bl-użu li sar mill-Prokura. Hija ħelset lill-intimat Lawrence Borg minn kull addebitu taħt it-talbiet attriċi kollha;

13. Illi l-appellanti jippreċiżaw[3] li l-appell tagħhom mis-sentenza appellata huwa indirizzat biss lejn l-intimati Angela Borg u n-Nutar Joseph Lia u jirrigwarda biss safejn l-ewwel Qorti ċaħditilhom is-seba' u t-tmien talbiet attriċi. Dan ifisser li, għall-bqija, u safejn ma jolqotx l-appell inċidentali tal-appellati, is-sentenza appellata saret ġudikat;

14. Illi, min-naħa l-oħra, fl-appell inċidentali tagħhom, l-appellati jikkontestaw is-sejbien li l-firma tal-mandant fuq il-Prokura ma kinitx ta' Maria Fiteni imma kienet firma li xiħadd iffalsifika. Għalhekk, f'dak l-appell inċidentali huma jitolbu li din il-Qorti tibdel is-sentenza appellata safejn din kienet laqgħet l-ewwel talba attriċi u t-tieni talba f'biċċa minnha u sabithom ħatja li rrediġew dokument falz. Il-Qorti jidhrilha li loġikament ikun xieraq li l-ewwel tittratta l-**appell inċidentali** għaliex, jekk kemm-il

[3] Paġ. 1417 tal-proċess

darba kellha tilqgħu, ma jkun hemm l-ebda ħtieġa li tittratta u tqis l-appell ewlieni, li jippresumi u jinsab kollu kemm hu mibni fuq il-premessa li l-Prokura kienet tabilħaqq ma tiswiex;

15. Illi l-**aggravju tal-appellati fl-appell inċidentali** jikkonsisti mill-fatt li jgħidu li ma hemm l-ebda dubju li l-fehma tal-ewwel Qorti dwar il-falsità tal-Prokura ġejja mill-konklużjoni milħuqa mill-esperti tal-kitba li tqabbdu mill-istess Qorti. L-appellati jilmentaw li dawk il-fehmiet esperti kellhom jinbnew fuq kopja ta' dokument, billi qatt ma tressqet fl-atti l-verżjoni oriġinali tal-Prokura. Huma jgħidu li fotokopja ma tista' qatt tkun l-aħjar prova u kien jaqa' fuq l-appellanti li jġibu l-aħjar prova biex isostnu l-allegazzjoni tagħhom. Huma jqajmu saħansitra d-dubju li ladarba l-fotokopja tressqet mill-atturi appellanti, ma hemm xejn x'jiċħad li dik il-fotokopja kienet falsifikata wkoll. Huma jżidu li l-appellanti naqsu li jippruvaw min kien li ffalsifika l-Prokura u l-ewwel Qorti lanqas ma kienet f'qagħda li kategorikament tidentifika min seta' kien li ffalsifika l-firma ta' Maria Fiteni. Il-fatt waħdu li l-Prokura saret favur l-appellata ma jfissirx awtomatikament li kienet l-istess appellata li wettqet dik il-falsifikazzjoni. Fuq kollox, ma kien hemm l-ebda raġuni għaliex l-appellata kellha għalfejn tiffalsifika l-Prokura meta hija ma kellha xejn x'tikseb b'hekk, ladarba kellha diġà favur tagħha prokura ġenerali mingħand l-imsemmija Maria Fiteni. Huma jistiednu lil din il-Qorti terġa' tqis ix-xhieda mogħtija

mill-appellat Nutar Lia li kategorikament qal li l-firma fuq il-Prokura saret minn Maria Fiteni quddiemu stess;

16. Illi l-appellanti laqgħu għall-appell inċidentali billi jgħidu li l-kopja tal-Prokura kienet l-istess bħall-kopja li ressaq il-Bank fl-atti tal-kawża u li ma setax ikun li ż-żewġ kopji ma kinux l-istess u rifless ta' xi dokument li ttieħdu minn fuqu. Ladarba l-Prokura oriġinali qatt ma kienet f'idejhom, imma żgur li f'xi ħin kienet f'idejn l-appellata, kien jaqa' fuq l-istess appellati li juru li dik il-kopja ma kinitx xbiha fidila tal-oriġinal. L-appellati qatt ma ċaħdu li d-dokument imressaq fl-atti kien l-istess bħall-oriġinal li minn fuqu ttieħed. F'kull każ, il-kopji mressqa fl-atti tal-kawża kienu l-aħjar prova li setgħet titressaq fiċ-ċirkostanzi;

17. Illi l-Qorti jidhrilha li dan l-aggravju mhuwiex mistħoqq. Fl-ewwel lok, il-fatt li fl-atti tressqet fotokopja tal-Prokura ma jfissirx li din ma tistax isservi ta' prova, fin-nuqqas li jitressaq l-oriġinal. Il-liġi titlob li l-parti tressaq l-aħjar prova li tista' ġġib[4]. Din il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-appellanti ma kellhom qatt f'idejhom l-oriġinal tal-Prokura u l-fatt li fl-atti ressqu kopja tagħha (li nzertat kopja identika tad-dokument li aktar 'il quddiem ressaq ukoll il-Bank li mingħandu sar il-ġbid tal-flus) jixhed li dawn ġabu l-aħjar prova li seta' kellhom f'idejhom. Fit-tieni lok, il-Qorti ssibha diffiċli tilqa' l-aggravju tal-appellati dwar is-saħħa probatorja tal-

[4] Art. 559 tal-Kap 12

Prokura meta kien l-appellat Nutar Lia nnifsu li, meta xehed minn jeddu[5], ikkonferma l-kopja tal-Prokura mressqa mill-atturi appellanti mar-Rikors Maħluf tagħhom bħala l-Prokura li fassal hu u saħansitra għaraf il-firma tiegħu fuqha u fisser iċ-ċirkostanzi kollha ta' kif u meta saret. Din l-istqarrija twettaq dak li titlob il-liġi[6] dwar kif tista' ssir il-verifika tal-kitba ta' min ikun kiteb dokument imressaq bi prova. Fit-tielet lok, il-kopji tal-Prokura mressqa fl-atti tal-kawża kienu ċari biżżejjed biex l-esperti tal-ktiba mqabbdin mill-ewwel Qorti setgħu jagħmlu bla xkiel il-kostatazzjonijiet u t-tqabbil espert tagħhom minn fuqhom. Fir-raba' lok, l-appellati ma ġabu 'l quddiem l-ebda raġuni oħra tajba għaliex din il-Qorti għandha titbiegħed mill-fehma tal-ewwel Qorti u tal-periti tal-kitba maħturin minnha biex issib li l-Prokura ma kinitx prova tajba biżżejjed ta' dak allegat mill-appellanti;

18. Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet il-Qorti sejra tiċħad l-appell inċidentali u b'hekk tikkonferma s-sentenza appellata safejn laqgħet l-ewwel talba attriċi u t-tieni talba attriċi f'parti minnha;

19. Illi l-**aggravju tal-appellanti** mis-sentenza appellata jikkonsisti filli, fil-fehma tagħhom, l-ewwel Qorti ma għamlitx sewwa li ma laqgħetx l-imsemmija żewġ talbiet tagħhom li jirrigwardaw il-likwidazzjoni u l-kundanna tal-ħlas għad-danni li ġarrbu minħabba l-Prokura. Huma jgħidu

[5] Ara paġġ. 337 – 8 tal-proċess
[6] Art. 635(a)(b) tal-Kap 12

li, għalkemm intwera li fl-24 ta' Marzu, 2003, nġibdet somma mill-appellata Borg minn wieħed mill-kontijiet bankarji "*savings*" f'isem Maria Fiteni bis-saħħa ta' prokura, l-ewwel Qorti qieset li dak l-iżbank sar bis-saħħa tal-prokura ġenerali li kienet saret fl-2000 u mhux bil-Prokura ta' Frar tal-2003. Huma jisħqu li kienet l-appellata nnifisha li stqarret li wżat il-Prokura biex ġibdet is-somma tat-tlitt elef mitejn u dsatax-il Lira Maltija u tmienja u sebgħin ċenteżmi (Lm 3,219.78) mill-kont bankarju ta' Fiteni u dan bil-għan li tinxtara sodda speċjali għaliha (liema sodda ma laħqitx inxtrat, għaliex sadattnat Fiteni laħqet mietet). Huma jgħidu li, ladarba l-Bank kien ingħata w żamm kopja tal-Prokura, u ladarba ma kienet saret l-ebda transazzjoni bankarja oħra minbarra l-ġbid tal-imsemmija somma għax-xiri tas-sodda sa ma Maria Fiteni laħqet mietet, ma hemm l-ebda spjegazzjoni oħra loġika ħlief li wieħed jaċċetta li l-ġbid tal-imsemmija somma sar bis-saħħa tal-Prokura u mhux tal-prokura ġenerali tal-2000;

20. Illi l-appellanti jżidu jgħidu li, jekk kemm-il darba l-iżbank sar bis-saħħa tal-Prokura, it-transazzjoni kollha kemm hi titlef is-siwi tagħha għaliex id-dokument li ntuża kien wieħed falz. Il-fatt li l-Bank awtorizza l-ġbid tal-fondi mill-kont bankarju ma jġibx jiswa dak li ma kienx jgħodd. Huma jgħidu wkoll li s-sitema tar-reġistrazzjoni tal-prokuri min-naħa tal-Bank partikolari nħalaq wara li kienu nġibdu l-flus mill-kont bankarju ta' Fiteni u għalhekk, ma seta' kien qatt li l-flus inġibdu bis-saħħa tal-prokura ġenerali. Iressqu 'l quddiem lista ta' xhud – mill-istess Bank li minnu

nġibdu l-flus – li lkoll xehdu fuq din il-ħaġa u x'kontrolli kellu l-Bank imsemmi dwar prokuri fiż-żmien li nġibdu l-flus mill-appellata. Fuq kollox, l-appellanti jsemmu li, mill-istess xhieda, ladarba l-prokura ġenerali tal-2000 ma kinitx transuntata, il-Bank ma setax awtorizża l-ġbid tal-flus mill-kont ta' Fiteni jekk mhux bis-saħħa tal-Prokura;

21. Illi għal dan l-aggravju l-appellati laqgħu billi qalu li joqogħdu fuq il-kostatazzjonijiet magħmulin mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata u kif ukoll fuq ir-riżultanzi tal-periti mqabbdin minnha;

22. Illi ma hemm l-ebda dubju li l-aggravju tal-appellanti jirrigwarda l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti. L-argumenti kollha mressqin minnhom fl-appell tagħhom huma maħsuba li jikkritikaw l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti u jikkuntrastawh ma' xhieda oħra u argumenti bil-għan li jwasslu lil din il-Qorti tasal biex taħsibha mod ieħor minn kif fehmet l-ewwel Qorti;

23. Illi din il-Qorti ttenni li meta jitqajjem quddiemha aggravju ta' appell li jolqot l-apprezzament tal-provi li jkun sar minn qorti tal-ewwel grad, hi tħares b'reqqa lejn l-istedina li tkun qiegħda ssirilha biex tagħmel il-valutazzjoni tagħha ta' dawk il-provi minflok dik tal-ewwel Qorti. Għalkemm din il-Qorti għandha tara u tifli dik il-valutazzjoni, m'għandhiex taqbad u twarrabha jekk ma jkunx hemm raġunijiet tabilħaqq serji biex

tagħmel dan. Il-funzjoni ta' reviżjoni li trid tagħmel din il-Qorti ma jwasslux bilfors biex twarrab id-diskrezzjoni tal-eżerċizzju tal-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti bħallikieku ma sar xejn. Għall-kuntrarju, jekk jirriżulta li l-apprezzament tal-provi li jkun sar mill-ewwel Qorti huwa wieħed sostnut mill-provi li jinsabu fl-atti, u li l-konklużjonijiet tas-sentenza appellata jkunu s-sinteżi tar-raġunament mibni fuq dawk il-provi u t-tħaddim xieraq tal-liġi dwarhom, din il-Qorti ma twaqqax dik diskrezzjoni;

24. Illi kemm-il darba ngħad ukoll li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament tal-fatti magħmul minn qorti tal-ewwel grad jekk mhux f'ċirkostanzi eċċezzjonali jew meta jkun intwera li dak l-apprezzament ikun wieħed mhux raġonevoli jew mibni fuq il-fatti proċesswali[7]. Madankollu, huwa minnu wkoll li din il-Qorti (diversament komposta) qalet li "*Il-Qorti tal-Appell għandha awtonomija sħiħa fl-apprezzament tal-fatti u għandha kull setgħa tinterpreta l-fatti mod ieħor minn kif tkun fehmithom qorti tal-ewwel grad. Huwa minnu illi fejn tidħol kredibilità ta' xhieda li l-ewwel qorti tkun semgħet viva voce qorti ta' reviżjoni ma hijiex sejra faċilment tiddisturba l-apprezzament li tkun għamlet l-ewwel qorti, u lanqas ma taqleb il-konklużjoni tal-ewwel qorti meta din tkun għażlet bejn żewġ possibiltajiet ta' interpretazzjoni ta' fatt li t-tnejn ikunu plawsibbli. Madankollu, il-Qorti tal-Appell għandha s-setgħa tikkorreġi kull apprezzament ta' fatt li jidhrilha li jkun żbaljat irrispettivament mill-gravità*

[7] App. Ċiv. **26.1.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Josephine Aġius vs Piju Theuma***

*tal-iżball. Iżżid tgħid, anzi, li, aktar u aktar f'sistema bħal tagħna fejn jeżisti grad wieħed biss ta' appell, il-Qorti tal-Appell tkun qiegħda tonqos mid-dmir tagħha jekk tabdika mir-responsabilità tagħha li tagħmel apprezzament awtonomu tal-fatti*"[8];

25. Illi, minbarra dan, huwa stabbilit ukoll li f'każ fejn qorti jkollha quddiemha verżjonijiet li ma jaqblux ma' xulxin, jibqa' dejjem prinċipju tad-dritt li l-parti attriċi f'kawża għandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi għat-talbiet tagħha b'mod li, jekk tonqos li tagħmel dan, iwassal għall-ħelsien tal-parti mħarrka.[9] Il-fatt li l-parti mħarrka tkun ressqet verżjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attriċi ma jfissirx li l-parti attriċi tkun naqset minn dan l-obbligu, għaliex jekk kemm-il darba l-provi ċirkostanzjali, materjali jew fattwali jagħtu piż lil dik il-verżjoni tal-parti attriċi, il-Qorti tista' tagħżel li toqgħod fuqha u twarrab il-verżjoni tal-parti mħarrka. Min-naħa l-oħra, il-fatt li l-parti mħarrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attriċi, ma jeħlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet tagħha[10];

26. Illi huwa għalhekk li l-liġi torbot lill-parti f'kawża li tipprova dak li tallega[11] u li tagħmel dan billi tressaq l-aħjar prova[12]. Jiġri li mhux rari li ż-

[8] App. Ċiv. **14.12.2018** fil-kawża fl-ismijiet ***Dott. Antoinette Cutajar vs L-Onor. Dr. Joseph Muscat – Prim Ministru et***
[9] App. Inf. JSP **12.1.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Hans J. Link et vs Raymond Merċieca***
[10] App. Inf. PS **7.5.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil***
[11] Art. 562 tal-Kap 12
[12] Art. 559 tal-Kap 12

żewġ partijiet iressqu verżjonijiet għal kollox konfliġġenti ma' xulxin b'mod li l-waħda xxejjen 'il-oħra, iżda li t-tnejn jistgħu jitwemmnu, allura qagħda bħal din tgħin lill-parti mħarrka, fuq il-bażi tar-regola li *onus incumbit ei qui dixit*[13] u tar-regola proċedurali l-oħra li timxi magħha li *actore non probante reus absolvitur*.[14] Iżda, hawn ukoll, mhux kull konflitt fil-provi jew verżjonijiet imressqa quddiem qorti għandhom iwasslu għaċ-ċaħda tat-talbiet attriċi, għaliex il-kriterju li jsegwi l-ġudikant irid ikun dak li jqis jekk, fid-dawl tal-provi mressqa, verżjoni waħda jistax joqgħod fuqha aktar mill-oħra[15];

27. Illi l-Qorti ħasbet sewwa dwar iċ-ċirkostanzi msemmijin mill-appellanti biex jippruvaw jipperswaduha ħalli terġa' tqis sewwa l-apprezzament tal-provi magħmul mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti tgħid minnufih li, issa li ma għadx hemm argument li l-Prokura ma tiswiex minħabba l-firma falza, il-kwestjoni ewlenija u fundamentali hija jekk jirriżultax li dik il-Prokura ntużat biex inġibdu l-flus mill-kont bankarju ta' Fiteni fl-24 ta' Marzu, 2003. L-appellanti jressqu sensiela ta' argumenti (bosta minnhom misluta minn provi li jinsabu fl-atti tal-kawża) biex juru li l-imsemmi żbank seħħ bis-saħħa tal-Prokura u mhux bis-saħħa tal-prokura ġenerali li saret tlettax-il (13) sena qabel. L-ewwel Qorti, bħall-

[13] P.A. NC **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Frank Giordmaina Medici et vs William Rizzo et***
[14] P.A. LFS **18.5.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Log. Kurunell Gustav Caruana pro et noe vs Air Supplies & Caternig Co Ltd***
[15] Maġ. (Għ) AE **18.4.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***John Baptist Spiteri vs Michael Calleja*** (mhix appellata)

perit legali qabilha, sabet li l-ġbid kien seħħ fuq is-saħħa tal-prokura ġenerali u mhux tal-Prokura;

28. Illi din il-Qorti tqis li hemm tassew x'wieħed jgħid fuq kull verżjoni li tressqet quddiem l-ewwel Qorti u quddiemha. Fis-sewwa, irid jingħad li għalkemm l-ewwel Qorti sabet li l-ġbid tal-flus mill-kont bankarju kien sar fuq is-saħħa tal-prokura ġenerali, qieset ukoll li setgħet ukoll intużat il-Prokura. Fi kliem ieħor, l-ewwel Qorti waslet għall-fehma tagħha "fuq bilanċ ta' probabilità illi t-transazzjoni tal-iżbank saret abbażi ta' Prokura Ġenerali". Dik il-fehma hija sorretta bid-dikjarazzjoni magħmula fuq il-Formola tal-Iżbank u Għeluq ta' Kont[16] li ssemmi prokura ġenerali ("GPA") u mhux il-Prokura (li kienet speċjali). Min-naħa l-oħra, l-appellata Borg innifisha tistqarr li nqdiet bil-Prokura biex ġibdet dik is-somma u li dik kienet l-unika darba li wżatha;

29. Illi bit-tħaddim tar-regoli proċedurali u l-kunsiderazzjonijiet fuq imsemmija din il-Qorti tasal għall-fehma li l-aggravju huwa mistħoqq. Hija tqis l-ewwel Qorti qagħdet għal kollox fuq il-fehmiet tal-perit legali dwar liema mill-verżjonijiet imressqa mill-partijiet kellha taċċetta u liema twarrab. Għall-kuntrarju tal-fehma ta' espert jew perit tekniku f'perizja, il-fehmiet ta' perit legali ma jikkostitwux prova imma opinjoni jew kunsiderazzjoni maħsuba biex il-Qorti tixtarrha u tara taqbilx magħha.

[16] Ara Dok "AGCA1", f'paġ. 961 tal-proċess

Din il-Qorti, madankollu, ssib li l-istqarrija tal-appellata Angela Borg li hija nqdiet bil-Prokura biex ġibdet il-flus mill-kont bankarju ta' Maria Fiteni ġġorr magħha saħħa probatorja ewlenija u mhux ta' min iwarrabha kif ġieb u laħaq. Il-fatt li Borg ma tafx taqra ma jfissirx li hija ma tagħrafx liema dokument kellha f'idha meta marret tiġbed il-flus u tagħlaq effettivament il-kont bankarju. Matul ix-xhieda tagħha, uriet li kienet tagħraf żgur bejn il-prokura ġenerali u l-Prokura. Intwera li kienu saru favuriha wkoll prokuri speċjali oħrajn minn żmien għal żmien u għal raġunijiet ta' żbanki jew tisrif partikolari. Minbarra dan, kif sewwa jgħidu l-appellanti, kien hemm bosta ċirkostanzi oħrajn marbuta mal-proċeduri interni tal-Bank li jixħtu dubju dwar kemm seta' kien minnu li Borg inqdiet bil-prokura ġenerali dakinhar li għalqet il-kont bankarju ta' Maria Fiteni. Din il-Qorti tqis li huwa rilevanti wkoll il-fatt li l-appellata Borg insistiet fix-xhieda tagħha li hija nqdiet bil-Prokura biex ġibdet il-flus mill-kont bankarju, meta kienet taf li l-kawża kienet infetħet kontriha sewwasew fuq il-premessa li l-Prokura kienet falza;

30. Illi fil-fehma tal-Qorti, l-effett legali li ġġib magħha dik l-istqarrija hi li l-iżbank ma jiswiex għaliex safejn dak l-att sar fuq is-saħħa ta' dokument falsifikat, dak l-att ma jeżistix billi dak li huwa bla siwi ma jħalli l-ebda effett[17]. Mill-bqija, l-appellata Angela Borg tistqarr li l-fondi mill-imsemmi kont inġibdu kollha u prova ta' dan hemm id-dokumenti tal-Bank li minnu

[17] P.A. TM **7.7.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***F. Caruana Brothers Ltd vs Il-Ministru tal-Ambjent et*** (mhix appellata)

nġibdu. Fil-fehma tal-Qorti, jekk dawk il-flus li hija ġibdet ma żammithomx hi, imma tathom lil Maria Fiteni jew ħalliethom f'darha, jibqa' xorta waħda d-dmir tagħha li troddhom lura lill-appellanti. Dan jgħodd aktar u aktar jekk kemm-il darba żammithom hi jew ħadithom wara mewt Maria Fiteni fuq is-saħħa tal-legat imħolli lilha fit-testment ta' din;

31. Illi l-Qorti tqis ukoll li din ir-responsabbiltà għandha terfagħha l-appellata Borg, iżda mhux ukoll l-appellat Nutar Lia, billi ma ntweriex li huwa ħa sehem fl-att tal-ġbid tal-flus jew li b'xi mod ieħor kien imdaħħal fit-tmexxija tal-flus żbankati wara li ngħalaq il-kont li minnu nġibdu;

32. Illi jirriżulta li l-flus kollha miġbuda mill-kont bankarju kienu jammontaw għal Lm 3219.78 (li jġibu € 7500.07 fi flus tallum). Bil-ġbid ta' dawk il-fondi, l-interessi tal-appellanti fuq il-wirt ta' Maria Fiteni ntlaqtu, għaliex, ukoll jekk dawn ma kinux intefqu sa dakinhar tal-mewt tagħha, il-fatt li ma kinux għadhom fil-kont bankarju effettwa ħażin il-jeddijiet tagħhom bħala werrieta universali tagħha. Min-naħa l-oħra, jekk il-flus kienu tassew għadhom fid-dar ta' Fiteni fil-waqt ta' mewtha, dan kien jiffavorixxi lill-appellata bħala legatarja tal-mejta skond it-tieni artikolu tal-aħħar testment tagħha. Għalhekk, dak il-ġbid ta' flus kien iġib miegħu danni lill-appellanti. Ma ntwera li saru l-ebda negozji oħrajn bis-saħħa tal-Prokura u għalhekk ma ntwera mill-appellanti li sar xejn aktar bi ħsara tal-interessi tagħhom fil-kwalità tagħhom ta' werrieta ta' Maria Fiteni;

33. Illi għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti tasal għall-fehma li għandha tilqa' l-aggravju u b'hekk jixraq li tirriforma s-sentenza appellata billi tilqa' s-seba' talba attriċi u ssib li sar użu mill-Prokura u li b'dak l-użu l-atturi appellanti ġarrbu ħsara patrimonjali. Tirriformaha wkoll billi tilqa' t-tmien talba – li hija konsegwenzjali għal ta' qabilha – fil-konfront tal-appellata Angela Borg billi tillikwida dawk id-danni mġarrba mill-appellanti fis-somma ta' sebat elef u ħames mitt euro (€ 7,500). Billi l-likwidazzjoni tal-imsemmija danni qiegħda ssir bis-saħħa ta' din is-sentenza, l-imgħaxijiet legali fuq l-imsemmija somma likwidata jibda għaddej millum sal-jum tal-ħlas effettiv;

***Decide:***

34. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

**Tiċħad l-appell inċidentali** mressaq mill-intimati appellati billi ma huwiex mistħoqq fil-fatt u fid-dritt;

**Tilqa' l-appell prinċipali** tal-atturi miżżewġin Bianchi u tirriforma u tvarja s-sentenza appellata mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta'

Ottubru, 2014, fil-kawża fl-ismijiet premessi, billi tilqa' s-seba' u t-tmien talbiet attriċi u tikkonfermaha fil-bqija;

**Tillikwida** d-danni mġarrbin mill-atturi appellanti minħabba l-użu tal-prokura fis-somma ta' sebat elef u ħames mitt euro (€ 7,500);

**Tordna** lill-appellata Angela Borg biex tħallas lill-atturi appellanti s-somma ta' sebat elef u ħames mitt euro (€ 7,500) bħala danni likwidati, flimkien mal-imgħax legali fuq l-imsemmija somma b'seħħ millum sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tordna** li l-**ispejjeż ta' din l-istanza** jitħallsu kollha mill-intimati appellati solidalment bejniethom, filwaqt l-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif determinati mill-ewwel Qorti.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
rm